**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 002/2019**

**LP ('l-ilmentatrici')**

**vs**

**Global Insurance Brokers Ltd.**

**(C9923) ('il-Global') u**

**MIB Insurance Agency Ltd. (C42111)**

**('l-MIB')**

**Seduta tas-27 ta' Jannar 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn bazikament l-ilmentatrici tissottometti illi:

Hija kienet ser issiefer fis-6 ta' Lulju 2018, u nxurjat ruhha fis-27 ta' Gunju 2018.

Lill-assigurazzjoni hija tatha certifikat mediku li kienet tista' ssiefer.

Fit-28 ta' Gunju 2018, dahlet b'emergenza l-isptar fejn damet hmistax-il gurnata rikoverata hemmhekk u kellha thassar il-vjagg.

Meta talbet il-hlas mill-assikurazzjoni qalulha li c-certifikat tal-habiba taghha ma wasalx peress li kellhom l-istess *insurance* u li hi ma kinetx intitolata ghall-flus tal-vjagg li kienet hallset.

Hija ma sifritx ghaliex mardet u l-assikurazzjoni ma kellhiex tirrifjuta t-talba taghha ghall-hlas.

Qed titlob lill-Arbitru jaghtiha '*full reimbursement*' ta' €930, l-ispejjez tal-vjagg.

**Ra r-risposta tal-*MIB Insurance Agency Ltd* (*MIB*)** li jghidu li '*peress li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni mahruga ghal dak il-perjodu tas-safar ma nistghux nifhmu il-klejm f'isem LP.'*

**Ra** l-provediment tieghu tas-17 ta' Lulju 2019, fejn il-*Global Insurance Brokers Ltd* gew dikjarati kontumaci.[1]

**Jikkonsidra**

L-ilmentatrici xehdet[2] li kienet marret ghand *Global Insurance Brokers* il-Belt biex tinxurja ruhha ghax kienet ser issiefer. Meta kienet ser issiefer kellha 79 sena u l-*insurance broker* taha formola minn taghhom u qalilha li kellha bzonn certifikazzjoni tat-tabib li setghet issiefer u li t-tabib kellu jiffirma fuqha. It-tabib taghha iccertifikaha li kienet b'sahhitha u setghet issiefer u hi ghaddiet il-formola iffirmata mit-tabib lil *Global*. Regghet marret ghandu, tatu l-flus u qalilha, '*All right*'.

Hi kienet marret tinxurja ruhha flimkien mal-habiba taghha, XC, li wkoll kienet anzjana u l-*broker* talabha certifikat mediku ukoll biex jaghmlilhom *insurance* wahda peress li kienu ser isiefru flimkien. Habibtha, XC, riedet il-firma tat-tabib ukoll, qalet li staqsiet lill-impjegata jekk setghetx terga' tmur tohdilha l-formola dakinhar stess filghaxija. Ir-*receptionist* qaltilha li setghet tibghatha bil-posta u tinqeda xorta. XC qaltilha li baghtitha dakinhar stess fis-1.00 p.m.

L-ilmentatrici zzid li kellha tiddahhal l-isptar b'mod urgenti ftit granet qabel kellha ssiefer u anke kienet fl-*ITU* u, ghalhekk, ma setghetx issiefer. Peress li kienet l-isptar ma setghetx tinforma lill-*Global*, però, marret tavzahom XC.

Tghid li hi kienet hallset kollox lill-*Global* li kien qalilha li l-*insurance* kellha tibda tghodd minn dakinhar stess, però, meta ghamlet il-*claim* qalilha li minhabba li XC ma kinetx baghtitilhom dik l-istess formola li kellu jiffirma t-tabib, ma setax jaghtiha l-flus ghax huma kienu *insurance* wahda.

Tixhed li huma kienu hallsu lill-*Global* u, wara li qalulu li ma setghux isiefru, qalilhom li setghu jiehdu l-flus lura imma sal-lum ghadhom ma hadux il-flus lura u, ghalhekk, sar l-ilment quddiem l-Arbitru.

[1] *A Fol.* 57
[2] *A Fol.* 48-49

**Rein Caruana,** ghall-*MIB,* xehed[3] illi:

Huma ma kinux jiehdu *insurance* diretti minghand il-klijenti imma jahdmu ma' diversi *brokers* li dawn ikunu iltaqghu mal-klijenti, peress li huma jirrapprezentaw lil *Lloyds* li huma l-*underwriters.* Dawn jinsistu li l-*MIB* jibaghtulhom id-dokumenti biex jaraw x'tip ta' riskji jaccettaw jew ma jaccettawx.

F'kaz ta' persuni 'l fuq minn 65 sena, jinsistu ghal certifikat tat-tabib. Sabiex ikunu certi li marru ghand it-tabib ghandhom formola li fuqha jiffirma t-tabib u li jghadduha lill-*brokers* biex jghadduha lill-klijenti.

Huma ma jiltaqghux mal-klijenti u mir-*records* li ghandhom jirrizulta li dawn qatt ma kienu inxurjati ghar-riskju. Huma qatt ma ircevew l-assikurazzjoni minghand il-*broker.* Ghalhekk, skont huma, l-ilmentatrici ma kinux assikurati u huma qatt ma jiehdu r-riskju minghajr l-assikurazzjoni tat-tabib skont il-formola imsemmija.

***L-Arbitru ghandu biss dawn iz-zewg verzjonijiet bhala provi ghaliex Global Insurance Brokers Ltd baqghu kontumaci.***

Minn dak li xehdet l-ilmentatrici hija kienet tkellmet biss mal-*Global* u qatt ma kienet tkellmet mal-*MIB* li, skont huma, qatt ma kienu gew avvicinati mill- *Global* biex jghidulhom li l-ilmentatrici kienet inxurjata.

Ghalhekk jidher car li bejn l-ilmentatrici u l-*MIB* qatt ma sehh xejn u, ghalhekk, l-ilmentatrici ma jistax ikollha ilment dwarhom. Fil-konfront tal-*MIB*, jidher car li dawn qatt ma kellhom relazzjoni guridika mal-ilmentatrici u, ghalhekk, ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-*Global* ghar-raguijiet li ser jinghataw f'din id-decizjoni.

L-Arbitru jrid jiddeciedi **l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa, gust, ekwu u ragonevoli,**[4] u jara jekk l-ilment jistax jintlaqa' fil-konfront tal-*Global.*

[3] *A Fol.* 49
[4] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

Il-*Global* huwa kontumaci imma xorta wahda l-kontumacja hija kontestazzjoni u l-Arbitru xorta wahda jrid jara jekk l-ilmentatrici irnexxilhiex tipprova l-ilment taghha.

Mill-provi jirrizulta li l-ilmentatrici ghamlet dak kollu li kien mitlub minnha mill-istess *Global*, jigifieri, li kellha timla l-formola iffirmata mit-tabib li ccertifikaha li setghet issiefer.

Hija xehdet li hi personalment kienet ghaddiet din il-formola lill-istess *Global* u tatu l-flus li hu accettahom:

'*Nghid li t-tabib tieghi, Dr Ferriggi, qal li jien kont in good health u stajt nivvjagga, u jien ghaddejt il-formola ffirmata minnu lill-insurance broker. Kont ergajt mort u lil tal-Global tajtu l-flus u qalli, "Alright". '*[5]

Fir-rigward ta' XC, li kienet sejra ssiefer maghha, hi xehdet:

'*Nghid li jien kont mort hemm flimkien ma' XC illi wkoll talabna c-certifikat taghha biex naghmlu insurance wahda ghax konna ser insiefru flimkien. Nghid li peress li XC qalilha li t-tabib ried jiffirma fuq il-formola li tana, u peress li toqghod il-Hamrun, staqsiet jekk setghetx terga' tehodhielu dakinhar stess fil-ghaxija. U r-receptionist qaltilha li ma kienx hemm bzonn u qaltilha biex tibghatha bil-posta u tinqeda xorta. XC qaltli li baghtitha bil-posta dakinar stess fis-1.00 p.m.'*[6]

Din ix-xhieda mhix kontradetta.

Ghalhekk jirrizulta li bhala fatt fis-27 ta' Gunju 2018, l-istess ilmentatrici ghaddiet il-formola mitluba minnha iffirmata mit-tabib taghha li setghet issiefer. Hallset il-flus tal-polza li l-*Global* accetta u ghaliha kienet inxurjata.

Però, l-*MIB* tghid li hi qatt ma irceviet minghand il-*Global* li huma kienu inxurjati. Dan ifisser li l-*Global,* filwaqt li accetta l-flus minghand l-ilmentatrici, qatt ma kkuntattja lill-*MIB* biex javzahom li kienet inxurjata.

---

[5] *A Fol.* 48

[6] *Ibid.*

Sfortunatament, l-għada stess li l-ilmentatriċi kienet ħallset biex toħroġilha l-polza, kellha tiddaħħal urġenti l-isptar u anke ddaħħlet l-*ITU*. Damet ħmistax-il jum l-isptar u, għalhekk, kellha tħassar is-safra ippjanata għas-7 ta' Lulju 2018.

Minn dak li xehdet l-istess ilmentatriċi, il-*Global* kien issuġġerielhom li jieħdu polza *joint* li huma aċċettaw. Dan huwa każ fejn irid jiġi deċiż jekk il-*Global* kinux ġustifikati ma jibagħtux il-polza lill-*MIB* biex b'hekk l-ilmentatriċi u sħabitha jkunu koperti għall-vjaġġ.

Jidher ċar li l-ftehim bejn l-ilmentatriċi u l-*Global* kien li biex tkun inxurjata, l-ilmentatriċi kellha tagħtihom il-formola iffirmata mit-tabib. Dan l-ilmentatriċi għamlitu u, b'arranġament mal-istess *Global*, sħabitha fuq l-istess polza kellha tibgħat dik il-formola bil-posta, ħaġa li din għamlet dakinhar stess.

Għalhekk dan il-ftehim li sar bejn il-*Global* u l-ilmentatriċi u sħabitha, l-ilmentatriċi u sħabitha onoraw u l-*Global* aċċetta l-flus biex jinxurjahom. Fil-mument li aċċetta l-flus u iffissa l-mod kif kellu jirċievi l-formola l-oħra ta' sħabitha, l-*Global* aċċetta r-riskju li jieħu l-passi biex jinxurjahom.

Għall-ilmentatriċi, ġaladarba għamlet dak mitlub minnha (kif għamlet ukoll sħabitha li kellha tiddaħħal fuq l-istess polza), sa anke għamlet il-pagament tal-*premium*, hija kienet inxurjata.

L-ilmentatriċi mhix tilmenta li l-*underwriter* ma ħallasħiex imma li l-*broker,* li kien jagħtiha servizz, naqas meta ma inxurjaħiex ġaladarba hi kienet osservat il-kundizzjoni li kien għamlilha. U sħabitha għamlet l-istess.

L-Arbitru hu tal-fehma li ġaladarba il-*broker* kien aċċetta l-flus u l-ilmentatriċi u sħabitha, li kellhom ikunu fuq polza *joint,* kienu għamlu dak mitlub minnhom, ir-riskju għadda fuq il-*broker* li kellu jieħu l-passi biex jinxurjahom.

L-Arbitru jrid jara dan kollu fl-ottika ta' dak li hu ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ma jkunx ġust u ekwu li l-ilmentatriċi li għamlet dak kollu mitlub minnha biex tkun assikurata tiġi mċaħħda mill-kopertura għaliex il-*broker* ma ħax passi dwar dan.

Hi ma kellha x'taqsam xejn ma' dak li ġara fil-każ ta' XC u, fil-mument li l-*Global* aċċetta l-*premium*, l-ilmentatriċi ma kellha l-ebda obbligu ieħor x'tagħmel; jekk kien hemm xi riskju marbut ma' XC, dan kien qed jassumih il-*Global*.

L-ilmentatrici kellha raguni valida ghaliex ma setghetx tivvjagga peress li ddahhlet l-isptar u kienet qieghda tmut. F'cirkostanzi bhal dawn, il-*Global* kellu jkun sensittiv ghal din is-sitwazzjoni u r-ragonevolezza kellha tirbah fuq kull konsiderazzjoni ohra.

Il-kriterju tar-ragonevolezza huwa wiehed mill-kriterji li l-Arbitru jrid iqis fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.[7] Huwa ragonevoli li l-ilmentatrici tistenna li tigi kkumpensata mill-*Global* ghaliex hi ssodisfat il-kundizzjonijiet kollha imposti fuqha biex tigi inxurjata, u l-fatt li ma gietx inxurjata fil-hin ma jista' bl-ebda mod jigi imputat lilha.

Ghall-kumplament, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Kaz Nru. 003/2019, moghtija illum stess, u l-motivazzjoni f'dak il-kaz jghodd ghal dan il-kaz ukoll fejn huwa kompatibbli.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha msemmija, kemm fuq bazi kuntrattwali kif ukoll skont dak li hu gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Mid-dokumenti esebiti jidher li l-ammont li hallset l-ilmentatrici ghall-vjagg kien ta' €930.**[8]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artiklu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Global Insurance Brokers Ltd* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' €930.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra *Global Insurance Brokers Ltd.***

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[7] Art. 19 (3)(b)
[8] *A Fol.* 14